


HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

ID-DISA' SENA Nru. 52 LULJU/SETTEMBRU 1980

HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1980

EDITORJAL

XI TFISSER IL-FESTA GHALIJA?

Il-festa titulari tal-Parroċċa hija l-avveniment ewlieni tas-sena. Dan nistgħu narawh b'għajnejna u mmissuh b'idejna, u stqarrewh kemm-il darba studjużi barranin li ġew fostna biex jistħarrġu u jgħarblu d-drawwiet u l-kostumi ta' ġensna flimkien mal-kultura u l-ħajja soċjali tiegħu. Il-poplu Malti u Għawdxi, fil-parti l-kbira tiegħu, għadu jħares lejn il-festa tal-qaddis patrun ta' belt jew raħal twelidu bħala ċ-ċentru tal-ħajja tiegħu, għadu jħobbha, jinteressa ruħu fiha, jistennieha minn sena għal oħra, u jgħin mill-aħjar li jista' biex il-festa tkun suċċess, u tkun tħabbatha tajjeb, jekk għall-inqas ma tgħaddix, dawk li jsiru fi bliet u rħula ġirien.

Iżda, fis-sewwa kollha, xi tfisser il-festa għalina bħala poplu nisrani? Jien li qiegħed naqra, xi tfisser il-festa għalija? Tfisser li kemm immur sal-knisja u nitpaxxa bit-tiżjin ta' darba fis-sena u nħossni xi ftit kburi għax il-knisja armata? Jew li nieħu pjaċir biss bil-marċi u l-briju u l-logħob tan-nar tad-dilettanti tagħna? Tfisser biss ġurnata li fiha nqatta' aktar ħin barra u nieħu wkoll dik il-qatra żejda ma' sħabi? Jew li nistieden in-nies id-dar u nittrattahom? Jew okkażjoni li fiha nżanżan xi libsa ġdida? Jekk għalina l-festa tfisser dan biss, ikollna nammettu li għadna ftit 'il bogħod mill-valur veru tal-festi tagħna. Apparti l-lat soċjali u folkloristiku, il-festi tagħna għandhom l-aspett reliġjuż, li hu l-aspett l-aktar importanti, u li ma nistgħux innaqqsulu mis-siwi tiegħu jekk ma rridux li l-festa titlef it-tifsir tagħha.

F'din is-sena li qegħdin fiha, sena li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nieda bħala waħda ta' tiġdid Marjan, aħna rridu neżaminaw sewwa l-festi tagħna u nivvalutawhom mill-ġdid, filwaqt li nżommu quddiem għajnejna d-dimensjoni spiritwali u reliġjuża tal-festa. Dan bla ma niċħdu s-siwi folkloristiku tal-festa bħala okkażjoni soċjali marbuta sfiq mal-ħajja u mat-tradizzjonijiet tal-poplu tagħna, parti mill-patrimonju mgħoddi lilna minn missirijietna. Aħna, bħala parroċċa ddedikata lill-Verġni Marija taħt it-titlu ta' l-Annunzjata, irridu nħabirku b'mod speċjali sabiex dan it-tiġdid Marjan iseħħ fostna; u l-festa titulari għandha tkun għalina l-waqt addattat biex dan it-tiġdid jitwettaq fina u nsiru verament ulied Marija. Dan isir billi nieħdu sehem bi ħġarna fil-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-ġimgħa tal-festa u nersqu aktar lejn il-Madonna permezz ta' Binha Ġesù fit-tqarbin imqaddes.

B'dawn il-ħsibijiet, nestendu l-awguri tagħna tal-Festa t-Tajba lill-Balzanin u l-qarrejja kollha.

NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD



IFRAĦ, O VERĠNI MARIJA, GĦAX INTI SIBT GRAZZJA QUDDIEM ALLA; INTI LI EMMINT GĦALL-KELMIET TA' L-ARKANĠLU GABRIEL, WAQT LI FIL-ĦIN LI BQAJT XEBBA NISSILT ALLA U BNIEDEM, U, WARA LI TAJTU LID-DINJA, BQAJT XEBBA BLA MITTIEFSA; OMM ALLA, IDĦOL GĦALINA.

Talba ta' Dun Ġorġ Preca lill-Madonna

GHANDNA BŻONN L-GHAJNUNA TAGHKOM

Il-gazzetta tagħna "ĦAL BALZAN" ilha toħroġ disa' snin. Kienu l-isforzi kontinwi u l-kuraġġ u l-għajnuna tagħkom li għenu fil-ħruġ tal-gazzetta.

Fil-bidu l-ispejjeż kull ħarġa kienu ta'	£M16.00
Il-ġbir mit-toroq kien ilaħħaq kważi	£M 7.00
Dħul mir-reklami kien ilaħħaq mad-	£M 9.00
Matul iż-żmien, l-ispejjeż bdew jiżdiedu w illum l-ispejjeż ta' kull ħarġa ta' erba' paġni laħaq	£M42.00
Id-dħul mill-ġbir fit-toroq baqa' l-istess	£M 7.00
Ir-rati u l-ammont ta' reklami baqgħu kważi l-istess	£M14.00

It-telf f'kull ħarġa qiegħed ikun konsiderevoli.

KAMPANJA SOSTENITURI

Qegħdin nagħmlu kampanja għas-sostenituri tal-gazzetta.

LI NKOMPLU JEW NIEQFU MILL-ĦRUĠ TAL-GAZZETTA JIDDEPENDI MILL-ĠENEROŻITA' TIEGĦEK.

Inti tista' tgħin billi tagħti £M1.00 fis-sena għall-gazzetta.

Jekk ma ġejtx avviċinat minn xi membri tal-Board tista' jew tagħti l-offerta tiegħek lil xi membru tal-Board jew tibgħatha f'dan l-indirizz flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek.

Kaxxier,
"Ħal Balzan"
c/o Każin San Gabriel,
Ħal Balzan.

Jien nixtieq inkun sostenitur tal-gazzetta "Ħal Balzan" u qiegħed nibgħatlek il-kontribuzzjoni tiegħi ta' £M1.00.

ISEM ....

INDIRIZZ ....

'ĦAL BALZAN'
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Ħal Balzan.
Stampat fil-Lux Press Ħamrun.

X'GARA FOSTNA

APRIL 1980

Il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa fetħu bil-funzjoni tat-tberik taż-żebbuġ nhar Ħadd il-Palm. Tul il-ġimgħa ta' wara, saru l-attivitajiet tas-soltu, fosthom il-Via Sagra fit-toroq tal-Parroċċa. Din is-sena, il-Via Sagra għaddiet minn dawn it-triqat: Triq l-Annunzjata, Triq il-Ġdida wara l-knisja, il-Wied, Triq Dr. Zammit, Triq il-Providenza, Triq il-Kbira. Għal din il-ġimgħa, tqassam Programm dettaljat imħejji mill-Kappillan, li kien jiġbor fih ukoll il-jiem u t-toroq għat-tberik tad-djar fi żmien il-Għid.

MEJJU 1980

Tul dan ix-xahar fil-Parroċċa saru l-festi biex ifakkru għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Dun Ġorġ Preca, fundatur tal-Museum. Dawn il-festi kienu organizzati mill-frieghi tas-subien u tal-bniet tal-Parroċċa. Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, fis-7.30 a.m. fil-Knisja Parrokkjali saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Fis-7.00 p.m., fil-knisja tal-Kunvent tal-Bon Pastur saret iċ-Ċerimonja tal-Magħżulin għat-tfal subien, li għaliha attendew ħafna nies, l-aktar ġenituri tat-tfal.

It-Tlieta, 6 ta' Mejju, fil-5.00 p.m. saret laqgħa speċjali fil-Museum tas-subien għas-sorijiet tat-tliet komunitajiet reliġjużi li għandna f'Ħal Balzan, waqt li l-Ġimgħa, 9 mix-xahar, fis-6.30 p.m. saret Konċelebrazzjoni ta' ringrazzjament fil-Knisja fl-okkażjoni ta' l-istess ċentinarju. F'din il-Konċelebrazzjoni ħadu sehem il-kleru tal-Parroċċa u għadd ta' saċerdoti li kienu membri tal-Museum tal-Parroċċa.

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju, il-quddiesa ta' fil-għaxija kienet waħda ta' ringrazzjament ta' Sister Paule Giordimaina, fl-okkażjoni tal-25 sena tagħha fil-ħajja reliġjuża.

Il-festi ċentinarji ta' Dun Ġorġ komplew nhar is-Sibt, 10 tax-xahar, b'laqgħa speċjali għaż-żgħażagħ fil-Museum tas-subien. Is-siegħa adorazzjoni ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju, kienet waħda speċjali, organizzata mill-membri tal-Museum; fiha nqraw siltiet mill-kitbiet ta' Dun Ġorġ. Il-Ħamis ta' wara, imbagħad, saret laqgħa għall-imseħbin tal-każini, politiċi u soċjali, fil-Museum tas-subien.

Il-festa ta' Santa Rita ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju, b'quddiesa bl-omelija organizzata mill-fergħa tan-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa.

"Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu" kien is-suġġett ta' 'feature' bis-'slides' li sar fis-Sala Parrokkjali nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija. Għal dan il-'feature' attendew it-tfal u għadd sabiħ ta' ġenituri u Balzanin. Il-festi ċentinarji ta' Dun Ġorġ għalqu nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, b'korteo bl-istatwa tal-Madonna, li ħareġ mill-Museum tas-subien sal-Knisja, fejn imbagħad sar programm reliġjuż bl-isem "Dun Ġorġ u l-Madonna".

Tul il-ġimgħa bejn it-Tnejn, 26 ta' Mejju, u l-Ġimgħa, 30 mix-xahar, saru taħditiet speċjali għat-tfal bi tħejjija għall-festa ta' l-Ewwel Tqarbina.

EL GRECO STUDIO
6, POPE URBANUS VIII STREET, BALZAN
Għal pitturi mill-isbaħ fuq it-tila, veduti, uċuħ, u xeni ta' Malta.
Naħdmu wkoll "frames" ta' kull daqs.

BORG CARDONA & CO. LTD.
TRIQ DR. ZAMMIT, BALZAN
Telephone: 42698
GĦAL KULL MA TEĦTIEĠU GĦALL-ANNIMALI U L-ĠONNA TAGĦKOM

DWAR ĦAL BALZAN FIL-PARLAMENT

Mistoqsija (8138) L-Onor. Lawrence Gatt isaqsi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport:

"Billi t-tarmac fil-parti l-ġdida ta' Ħal-Balzan wasal biss sa ħdejn il-Kulleġġ San Alwiġi jistax il-Ministru jgħid hux ser jitkompla t-tarmac fit-toroq l-oħra ta' dan ir-raħal?" (29/4/80)

Tweġiba (6/5/80): "It-toroq li għalihom qed jalludi l-Onor. Interpellant huma inklużi fil-programm ta' kisi bit-tarmac tad-Dipartiment".

....

Mistoqsija (8139) L-Onor Lawrence Gatt isaqsi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport.

"Billi f'waħda mit-triqat li tagħti għat-triq il-Ferrovija l-Qadima l-asfalt spiċċa għal kollox jistax il-Ministru jordna li din it-triq tiġi asfaltata mill-ġdid?" (29/4/80).

Tweġiba (6/5/80) "L-Onor. Interpellant huwa mitlub jindika għal liema triq qiegħed jirreferi".

....

Mistoqsija (8140) L-Onor. Lawrence Gatt isaqsi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport:

"Jafx il-Ministru li hemm gandotti fit-toroq fl-area l-ġdida ta' Ħal Balzan li ilhom aktar minn sitt xhur miftuħa mingħajr ħadd ma ħa passi biex jittwew u jiġu asfaltati?

Jistax jieħu passi biex dan ix-xogħol isir mill-eqreb fis possibbli?" (29/4/80).

Tweġiba (6/5/80): "L-Onor. Membru huwa mitlub jindika t-toroq eżatti".

....

Mistoqsija (8141) L-Onor. Lawrence Gatt isaqsi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport:

"X'inhi r-raġuni li t-toroq ta' Ħal-Balzan, speċjalment fl-area ta' ħdejn it-triq tar-Rabat, Triq San Anton, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Triq San Franġisk huma daqshekk abbandunati u żdingati?

Jistax il-Ministru jara li x-xogħol neċessarju f'din l-area jingħata bidu għalih?" (29/4/80).

Tweġiba (6/5/80) "L-Onor. Membru m'huwiex eżatt meta jgħid li t-toroq imsemmija huma abbandunati u żdingati. Triq il-Ferrovija ġiet miksija bit-tarmac u saru ħafna xogħlijiet ta' asfalt u bankini, fit-toroq l-oħra msemmija xogħol ieħor jitkompla meta jkun il-waqt". (6/5/80).

....

Mistoqsija (8142) L-Onor. Lawrence Gatt isaqsi lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport:

"X'inhi l-policy tad-Dipartiment rigward l-iċċangjar ta' bankini?

"X'inhi r-raġuni li f'raħal bħal per eżempju Ħal-Balzan jaqbdu biċċa bankina, ma jkompluhiex, jaqbdu biċċa oħra jew bankina oħra mingħajr ebda pjan jew uniformità?" (29/4/80)

Tweġiba: "L-iċċangjar tal-bankini jsir skond l-urġenza tax-xogħlijiet fid-Distrett. Ix-xogħol fuq il-bankini ta' Ħal-Balzan ma tkompliex għax inqala' xogħol aktar urġenti u l-istess ħaddiema kien hemm bżonnhom band' oħra". (6/5/80)

SALVU BRINCAT
IRONMONGERY AND ELECTRICAL GOODS
175, MAIN STREET, BALZAN

MATUL IS-SNIN (9)

IL-FESTA TA' SAN VALENTINU 1875 - 1879 - 1894

Fil-ħarġa ta' din il-gazzetta ta' Lulju/Awwissu 1979, il-ħabib tiegħi Rev. Dun Ġwann Dimech tana tagħrif tassew interessanti dwar il-miġja tal-korpu sant ta' San Valentinu, u tana wkoll tagħrif dwar kif kienet issir il-festa tiegħu. F'dan id-daqsxejn t'artiklu, irrid inżid ftit tagħrif ieħor dwar l-imsemmija festa.

Fl-1875, il-festa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 13 ta' Ġunju. Lejlet il-festa saret il-mixegħla fit-toroq. Nhar il-festa fil-għodu tkanta l-matutin, u wara saret quddiesa solenni bil-mużika, li tmexxiet tajjeb ħafna mid-dilettant Pawlu Bonnici. Fil-għaxija saru s-sekondi vespri bl-orkestra tas-Surmast Nani, imbagħad sar il-paneġierku fuq il-qaddis minn Patri Franku Vincenzo Carbonaro O.Carm. (1)

Fis-sena ta' wara, 1876, insibu tibdil fil-prokuratur, għax minflok Anġlu Cilia, l-Isqof Carmelo Scicluna D.D. fl-10 t'April, 1876 ħatar lil Marju Borg. (2)

Fl-1879, il-festa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju. Lejlet il-festa saret il-mixegħla, u nhar il-festa kien hemm logħob tan-nar żgħir u banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tumas Galea. Il-mużika tal-funzjonijiet tal-knisja tmexxiet mis-Surmast Nani, filwaqt li l-paneġierku sar mir-Rev. Dr. Dun Andrea Dingli D.D. (3) Fl-1894 il-prokuratur ta' din il-festa kien Karlu Dingli. F'din l-okkażjoni kien hemm il-logħob tan-nar li nħadem minn xi dilettanti ta' l-istess raħal. (4)

(1) Corriere Mercantile Maltese, 17-VI-1875.
(2) Arkivju Kurja Arċiveskovili, Atti Ċivili 1863-1878, f. 417v.
(3) Corriere Mercantile Maltese, 25-VI-1879.
(4) Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese, 8-VI-1894.

Winston L. Zammit M.A.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

RECIPES FROM MALTA
A GUIDE TO TRADITIONAL MALTESE COOKING
Ktieb ta' tisjir tradizzjonali Malti
Issibu mingħand:
MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA
(Near Upper Barracca Gardens)
LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave, Postcards, Ceramics, Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.
A VISIT IS SOLICITED Tel: 21337

IL-KNISJA PARROKKJALI (40)

IL-FESTA TAL-LUNZJATA (1601 -- 1780)

Fil-medda tas-snin bejn l-1601 sa mitejn sena ilu, il-festa titulari ta' Marija Annunzjata fil-Parroċċa tagħna ta' Ħal Balzan saret dejjem fil-jum liturġiku tal-25 ta' Marzu.

Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Tumas Gargallo, li għamel f'Ħal Balzan nhar l-4 ta' Diċembru 1601, insibu li sa qabel dak in-nhar la kien isir l-għasar ta' lejlet il-festa u lanqas ma kienet issir Quddiesa Kantata fil-jum tal-festa; kienet issir biss quddiesa letta. Iżda fir-relazzjoni tal-Viżta msemmija, naqraw li kienet għadha kemm ġiet mogħtija biċċa art u dar lill-Knisja ta' l-Annunzjata biex b'hekk ikunu jistgħu: "isiru l-għasar ta' lejlet il-festa u l-Quddiesa Kantata f'nhar il-festa kif ukoll biex jitqassam l-ikel lill-fqar". Nafu wkoll minn din l-istess Viżta li l-Kappillan ta' Birkirkara ta' dak iż-żmien, Dun Filippu Borg J.U.D., kien ta' kull sena jiġi jqaddes fil-Knisja tal-Lunzjata l-qadima biex iżomm id-drawwa li kellhom il-Kappillani ta' Birkirkara li ta' kull sena f'nhar il-festa ta' l-Annunzjata kienu jiġu jqaddsu f'din il-Knisja. Peress li Dun Filippu Borg kien minn Ħal Balzan, ħalla biċċa art biex ta' kull sena titqaddes quddiesa nhar il-festa. (1)

> **SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN**
> Tiftix u kitba ta'
> DUN ĠWANN DIMECH

Sa minn meta Ħal Balzan sar Parroċċa għalih nhar l-14 ta' Awissu 1655, kif ukoll sa minn meta l-Knisja Parrokkjali li għandna llum bdiet tiffunzjona bħala l-Knisja Parrokkjali nhar is-17 ta' Diċembru 1668, (2) il-festa ta' Marija Annunzjata bdiet kull ma tmur tikber ta' kull sena.

F'din il-medda ta' mija u sebgħa u disgħin sena, saltnu f'Malta tlettax-il Gran Mastru. Mexxew id-Djoċesi disa' Isqfijiet u l-Parroċċa ta' Ħal Balzan sa mis-sema 1655 kellha seba' Kappillani.

Miniex beħsiebni nidħol f'ħafna dettalji dwar tiżjin u armar li kienu jsiru għall-festa tal-Lunzjata, sija fil-Knisja kemm ukoll barra. Nafu li dawn ma sarux f'daqqa iżda ħadu ż-żmien; tant hu hekk li sal-ġurnata tal-lum l-armar tal-Knisja u ta' barra għadu kull ma jmur jiżdied u jisbieħ. Biss inħoss li għandi nsemmi dak li l-aktar laqatni meta kont dan l-aħħar inqalleb il-kotba li fihom inżammu x'uħud mill-kontijiet tal-festa titulari bejn is-sena 1601 u s-sena 1780.

Hekk insibu li sa dak iż-żmien, id-damask tal-Knisja Parrokkjali kien għadu ma sarx u knisja mingħajr damask fil-festa żgur li titlef parti integrali mit-tiżjin tagħha. Għalhekk insibu li l-Balzanin ta' dak iż-żmien irnexxielhom isibu knisja oħra li setgħet tislef id-damask tagħha u din il-knisja kienet dik ta' San Flippu ta' l-Isla. Ma kienx faċli li mill-ewwel insir naf minn liema knisja dan id-damask kien qed jinġieb. Meta bdejt inqalleb il-kontijiet wieħed wara l-ieħor, bdejt insib: "Per fitto di damasco, per barche, per pastasi portatura e riportatura" jiġifieri: "Għall-kiri tad-damask, għad-dgħajjes, għal dawk li ġarrewh lejn Ħal Balzan u lura". Iżda fl-aħħar tfaċċa kont u warajh oħrajn li speċifikaw minn liema knisja dan id-damask kien qed jinġieb u semsew: "Affitto di Tapezzeria dalla Chiesa di San Filippo della Senglea". (3)

Kienet drawwa li fil-granet tal-festa titulari u f'xi festi oħra l-pavimenti tal-knejjes jiġu miksija bil-weraq tar-rand, klin, sagħtar u ħarrub. L-art tal-knisja tagħna kienet tiġi wkoll miksija b'dan il-weraq. Sibt li għall-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata, il-Balzanin kienu jġibu erba' mazzi ta' weraq mill-ġonna tal-Buskett u tlettax-il qattta sagħtar. (4)

Mix-xatt tal-Belt kienu jinxtraw erba' bramel qatran li kienu jużawh flimkien ma' l-injam għall-mixegħla. (5)

Għall-illuminazjoni ta' barra kienu jikru mijiet ta' lampi ikkuluriti taż-żejt u dawn kienu jġibuhom minn Birkirkara u minn Ħal Lija. (6)

Sa ma sar l-orgni tal-Knisja, fl-1727, insibu li l-prokuraturi kienu jħallsu għall-kiri ta' orgni. (7)

Insibu wkoll li għal bosta snin kien imexxi l-mużika tal-festa l-Maestro di Cappella s-Surmast Melchiorre San Martin. (8)

Il-maskli kienu jinkrew minn Birkirkara, li nsibuha imsejħa: "Affitto delli mortaletti da Bella Cara". (9)

Kienet użanza sabiħa ħafna li l-Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan, qrib il-jum tal-festa ta' l-Annunzjata, kien jikri kaless u kien imur jistieden lill-Gran Mastru kif ukoll lill-Isqof. (10)

Il-kalessi kienu wkoll jinkrew għall-predikatur t al-paneġierku, kif ukoll xi drabi nsibu tliet kalessi għall-mużiċisti u għall-kantanti. (11)

Ta' min isemmi l-qubbajt, ħelu li hu marbut mal-festa tagħna. F'wieħed mill-kotba tal-kontijiet tal-Knisja Parrokkjali sibt il-qubbajt imsemmi; dan kien fis-sena 1746 meta ġie mogħti lill-abbatini li għamlu akkolti u ċensier fil-festa. (12)

Fis-sena 1759 insibu li jissemmew għall-ewwel darba t-tamborlini li ħadu sehem fil-festa. Dan kien meta l-prokuraturi kienu Dun Gian Indrì Magri u Mastru Gian Grixti. (13)

Nispiċċa billi nġib kopja ta' kont tal-festa:

Għal kaless biex jiġu mistiedna l-Gran Mastru u Monsinjur Arċisqof	6 tarì
Xama' tal-Pastilja nru. 6	1 skud
Kaless għall-Predikatur	2 tarì
Maestro di Cappella	37 skud
Żewġ kalessi u wieħed b'xejn għal tal-mużika	2 skudi
13-il qatta sagħtar	7 tarì
Tnejn min-nies li ġabu u ħadu lura l-ħadid tal-illuminazzjoni bil-lampi minn B'Kara u Ħal Lija	2 tarì 8 grani
Kiri tad-damask mill-Knisja ta' S. Flippu l-Isla	6 skudi, 3 tarì, 10 grani
Trasport tad-damask bid-dgħajjes	2 tarì, 10 grani
Pastas li ġarr id-damask	3 tarì
Kiri tal-maskli minn B'Kara	8 tarì
Lill-Bumbardier	8 tarì
4 irtal u nofs polvri u tliet tużżani sulfarelli	6 skudi, 2 tarì, 10 grani
4 bramel qatran għall-fjammi	2 tarì, 6 grani
Tamborlini	8 tarì
4 mazzi ħaxix mill-Buskett	1 skud

REFERENZI

1. Dimech — Ħal Balzan Nru. 6.
2. Suppliche 1668 — Kurja Arċiv.
3. Arkiv. Parr. — Lib. 48.
4. Arkiv. Parr. — Lib. 56.
5. Arkiv. Parr. — Lib. ibid. cit.
6. Arkiv. Parr. — Lib. 48.
7. Arkiv. Parr. — Lib. 56.
8. Arkiv. Parr. — Lib. 48.
9. Arkiv. Parr. — Lib. ibid. cit.
10. Arkiv. Parr. — Lib. ibid. cit.
11. Arkiv. Parr. — Lib. ibid. cit.
12. Arkiv. Parr. — Lib. 56.
13. Arkiv. Parr. — Lib. 56 A.

IL-PASSJONI ĦAJJA F'ĦAL BALZAN

Nixtiequ ninfurmaw lill-qarrejja li ġiet iffurmata għaqda f'Ħal Balzan bl-isem: "Il-Passjoni Ħajja f'Ħal Balzan".

Din l-għaqda ġiet iffurmata wara li Tommy Borg ġietu l-ideja li nagħmlu l-Passjoni ħajja f'Ħal Balzan. Il-ħsieb huwa nobbli u l-ideja sublimi.

Wara li ġie ffurmat kumitat, bdejna x-xogħol kbir li dħalna għalih. Ta' min isemmi x-xenarju, il-palketti, id-dawl, kostumi, 'sound effects', l-atturi u l-personaġġi li jlaħħqu madwar mija u sittin ruħ.

Din il-Passjoni tikkonsisti f'li tiġi interpretata parti parti l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu madwar ir-raħal, f'postijiet differenti. Għal dan il-għan, ridna nies tas-sengħa, bħal mastrudaxxi, 'electricians', ħajjata, disinjaturi, u oħrajn. Għalkemm diġà sibna ħafna li wrew li jridu jgħinu, għad għandna bżonn ta' ħafna nies.

Kulħadd jista' jgħin — min jaf sengħa, min jieħu parti fil-'play', u l-bqija. Għal dawk li jistħu, jistgħu jgħinuna minn wara l-kwinti.

Din hija xi ħaġa li qatt ma saret f'Malta; u għalhekk nitolbu l-għajnuna ta' kulħadd, nisa u rġiel, xebbiet u ġuvintur, u tfal. B'hekk, din l-attività tkun suċċess u nagħmlu ġieħ lil pajjiżna, Ħal Balzan.


Il-problema li l-aktar qed tinkwetana hija l-finanzi. Għalhekk irrid nagħmel appell lil dawk in-nies li jistgħu jgħinuna finanzjarjament għax l-ispejjeż huma kbar wisq. Imma jiena ċert li jekk niġbdu ħabel wieħed l-għan tagħna jirnexxi. Grazzi lil kulħadd.

Għal aktar informazzjoni, irrikorru għand xi membru tal-kumitat, jew kellmu lil Tommy Borg.

RINGRAZZJAMENT


Nirringrazzjaw lil dawk kollha — kontributuri ta' reklami, kittieba, u dawk li b'tant paċenzja jqassmu l-gazzetta fid-djar — li taw issehem tagħhom biex ħareġ dan il-għadd speċjali ta' din il-gazzetta.

Il-Bord Editorjali



FOR BEST COLOUR PRINTS TUDOR PROCESSING IS THE ANSWER

Look for the shop with the TUDOR ROSE



VICAJO COMPANY LIMITED
62A, PRECA STREET, LIJA
Tel: 45912
A FREE FILM WITH EVERY FILM PROCESSED

TOP SHOP
(SALVU DEGUARA)
FI TRIQ IL-KBIRA
L-AHJAR ĦANUT TAL-GROCER F'ĦAL BALZAN

SKARPOLI
Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben
IRRIKORRU GĦAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN
Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krukar.
Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.

HAL BALZAN U L-PITTUR GUZE' CALI'

Matul il-ġranet tal-festa tal-Lunzjata, fir-raħal tal-ward u l-fwieħa, Ħal Balzan, dejjem niltaqgħu ma' bosta nies, Maltin u barranin, li iżuru l-Knisja Parrokkjali u jammiraw it-teżori li għandha l-knisja, speċjalment fil-qasam ta' l-arti. Bosta huma dawn l-opri, li xi wħud minnhom ġa ssemmew fil-ħarġiet imgħoddija ta' din il-gazzetta; u għalhekk illum għażilna li nitħaddtu dwar l-opri li l-famuż Ġużè Calì ħadem għal dan ir-raħal.

Dan il-pittur kbir Malti twieled il-Belt Valletta fl-1846, u miet fl-1930, mimli bil-għomor ta' 84 sena, li minnhom nafu li ħadem dwar 70 sena u ħoloq aktar minn 1000 biċċa xogħol, bejn opri kbar u żgħar. Din is-sena jagħlaq 50 sena minn mewtu, u għalhekk jixraq li nfakkruh u nitolbu għall-mistrieħ ta' ruħu kull meta nħarsu lejn ix-xogħlijiet tiegħu.

Hawn ir-raħal huwa ħallielna xogħlijiet mill-isbaħ fil-koppla l-kbira, fis-saqaf tal-kor, u erba' kwadri oħra, tlieta fil-Knisja Parrokkjali u wieħed fil-knisja tal-Bon Pastur.

IL-KOPPLA

Il-famuża koppla, li għandha arkitettura speċjali mżejna bi tmien karjatidi skolpiti u tmien pilastri klassiċi, hi maqsuma fi tmien flieli: dak tan-nofs jurina l-figura tal-ħamiema bajda, simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu, imdawwar b'għadd ta' anġli żgħar l-aktar ħelwin fost id-dija tassema, waqt li fil-flieli l-oħra naraw anġli kbar u żgħar li jfissru s-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri bejniethom juruna l-Għerf, il-Fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, ix-Xjenza, il-Pjeta, u l-Biża' t'Alla, kif għarrafhomlna l-profeta Isaija. Il-ġmiel ta' dawn il-figuri ta' l-Anġli, bil-ħlewwa ta' l-uċuh, bil-poża u d-drappijiet li għandhom fuqhom, jagħtuna dehra tassew sabiħa, aktarx l-isbaħ interpretazzjoni pittorika tad-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu li tana Calì fil-knejjes tagħna.

KITBA TAL-
KAV. RAFEL BONNICI CALI'

L-EVANĠELISTI

Din il-pittura saret fl-1894 meta l-pittur kellu 48 sena, jiġifieri kien fl-aqwa tal-karriera brillanti tiegħu, mimli saħħa u enerġija, u għalhekk f'din il-koppla għandna eżempji ta' l-aħjar xogħol tal-pittur, kif jixhdu wkoll l-Erba' Evanġelisti li naraw taħt il-koppla, speċjalment San Luqa li narawh ipinġi l-Madonna, qisu raġel veru ħiereġ mill-ħajt li fuqu saret din il-pittura famuża. U hawn ta' min isemmi li wieħed professur, meta ra dawn l-Evanġelisti hekk sbieħ fil-qagħda naturali tagħhom, fil-pjiegi li qishom magħmula minn drapp veru, u l-espressjoni ta' wiċċhom, ħajjar lil Calì biex imur jaħdem fil-pajjiżi ta' l-Ewropa, imqar li jagħmel wirja f'Londra biex ikabbar ismu mad-dinja kif iddur u jistagħna. Imma Calì kien qalbu marbuta wisq ma' "din l-art ħelwa" li tatu l-ħajja, u ma riedx li jitlef il-glieda li kien beda kontra dawk li kienu jagħtu x-xogħol tal-pittura lill-artisti barranin u fl-istess waqt iħallu l-artisti Maltin imutu bil-ġuħ. U fuq din il-ġlieda li għamel b'sagrifiċċji kbar kontra dawk li dejjem imaqdru x-xogħol tal-Maltin u jgħollu x-xogħol tal-barranin, Ġużè Calì għandu mertu kbir għax hu għolla kemm seta' l-arti Maltija, ħadem mill-aħjar bi ħlas mill-agħar, u għalhekk miet fqir kif twieled, imma lil Malta ħallielha wirt kbir fil-knejjes u d-djar tagħha.

IL-KOR

Fis-saqaf tal-kor, magħmul f'għamla ta' skutella ċatta li tfakkarna fl-arti Maltija ta' Ġlormu Cassar, naraw kif Calì, fl-1910, kellu l-ħila jurina erba' episodji mill-Bibbja, marbuta mal-misterju mqaddes ta' l-Inkarnazzjoni, li huwa t-titular tal-Knisja Parrokkjali. L-episodji huma mifruda b'pilastru orjentali, biex jorbtuna maż-żmien tal-Bibbja, u dawn iservu biex l-ispettaturi ma jbatux biex isibu u jifirdu episodju minn ieħor, u b'hekk jifhmu aħjar il-messaġġ Biblikù.

L-episodji huma: il-waqgħa fid-dnub ta' Adam u Eva; it-

• għal paġna 5



Il-pittur Malti Ġużè Calì (1846-1930), li din is-sena qegħdin infakkru għeluq il-ħamsin sena minn mewtu.

ID-DITTA
FARRUGIA ENTERPRISES
103, NAXXAR ROAD, BALZAN
Qiegħda toffri SKONT SPEĊJALI għal waqt it-TRADE FAIR fuq LINEF, BRAZZI, FANALI, STATWI, MINJATURI, INKWADRI, MIRJA, MOBBLI, u SALOTTI TA' BARRA, eċċ.
Għalhekk ipprofitta ruħek minn din l-okkażjoni u asal wasla sa:
Stand Numru E.53B
jew sal-ħwienet tagħhom

Genuine antiques works of art, second-hand household goods, and ladies hair stylist all under one roof at:
BENNY'S SHOWROOMS
HIGH STREET, BALZAN
CONTRACTORS FOR UPHOLSTERY, POLISHING, FRAME-MAKING AND HOUSE DECORATIONS
Telephone: 45513

KERAMIT
BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS
SUPPLIERS OF BATHROOM SUITES AND ACCESSORIES, VITREOUS CHINA BY ARMITAGE SHANKS AND CESAME COLOURFUL AND DESIGNED CERAMIC TILES
4, Old Church Street, B'Kara
Toħorġu bi prezzijiet konvenjenti.
Tel: 42336

SOMBRERO
VICTOR
PASTIZZERIA FOR ALL OCCASIONS
SPECIALIST FOR RAVJUL DAILY, GHAGINA, PIZZA, QASSATAT.
215, VALLEY ROAD, BIRKIRKARA
TELEPHONE: 41457

INNU TA' TIFHIR

L-ilsien ma jsibx kliem,
Il-moħħ ma jsibx ħsieb,
Biex Lilek ifaħħar
F'dal-jum tant għażiż,
Li fih nagħmlu l-festa
Ta' Ommna l-Lunzjata.

Ilqagħha t-tislima:
"Sliem għalik, Marija",
Li mill-qiegħ ta' qalbna
Quddiemek dlonk titla'
Fis-sema fejn qiegħda,
Tħarisna w tberikna.

Bil-grazzja mimlija,
Quddiem Ibnek setgħana,
U xejn ma jiċħadlek,
Għax Inti omm twajba,
U għax aħna wliedek,
Hu żgur jisma' talbna.

Minn qalbna nqimuk,
Inberkuk u nfaħħruk,
U nwegħduk li kull sena,
F'tal-festa t-tifkira,
Quddiemek ninġabru,
F'dil-ġrajja niftakru.

Fil-kmajra ta' Naz'reth,
Fejn kont qiegħda titlob,
U b'ħerqa tistenna
Il-miġja ta' Kristu,
Li kellu jkun Ibnek,
Feddej, Salvatur.

ROSA FARRUGIA



Il-koppletta tal-Kor, xogħol Ġużè Calì fl-1910. Fiha naraw erba' taqsimiet: il-waqgħa fid-dnub ta' Adam u Eva, it-tkeċċija tax-xitan mis-sema, il-wegħda tas-Salvatur u Ommu Marija, u l-profeta Isaija, li ħabbar it-twelid tal-Messija.

• minn paġna 4

tkeċċija tax-xitan mis-sema; il-wegħda tas-Salvatur u Ommu Marija minn Alla; u l-profeta Isaija li ħabbar it-twelid misterjuż ta' Kristu minn xebba bla ebda tebgħa. Minn dawn ix-xeni, li huma eżempji ta' l-istudju teoloġiku u artistiku li kellu Calì, għandna xena ta' mertu artistiku kbir. Irrid ngħid ix-xena tat-tkeċċija ta' Satana, fejn għandna figura ta' serpent b'sebat irjus waqt li l-Arkanġlu San Mikiel jidher ikeċċih, nieżel rasu 'l isfel qisu se jaqa' għal isfel, dehra tassew naturali li fiha xogħol ta' prospettiva jew, kif igħidu l-pitturi, xogħol ta' disinn "sotto in su".

Niġu issa għall-figuri tal-Papiet, San Girgor u San Ljun; dawn għandhom l-istess qawwa u kwalitajiet oħra sbieħ ta' l-Evanġelisti li ġa semmejna.

KWADRI

Il-kwadri ta' l-artali tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġwakkin huma wkoll xogħlijiet tajbin, imma l-isbaħ kwadru huwa dak tal-Madonna tar-Rużarju, li juri qawwa, ekwilibriju u ġmiel ta' kuluri, li għandu jingħadd mal-kapulavuri tal-pittur.

Immorru issa fil-knisja tal-Bon Pastur, u naraw il-kwadru ta' l-artal li juri s-Sagra Familja, xogħol li sar fl-1907, mimli ħlewwa, kwiet u devozzjoni li titlob ix-xena fid-dar imbierka u fqira ta' Nazaret.

Kif wieħed jista' jara, Calì kien pittur nisrani tassew, li ħalla l-ispirtu devot tiegħu stampat fil-kwadri tiegħu, frott tal-meditazzjoni spiritwali li kien jagħmel bil-għajnuna tal-Bibbja li kien iħobb jaqra ta' sikwit; u għalhekk laqqmuh "il-Pittur tal-Knejjes", laqam li tassew jixraqlu u jagħmel unur lill-arti Maltija.

LIL ĦBIEBKOM LI JIĠU MINN BARRA
GĦAL XI VAGANZA
IRRAKKOMANDAWLHOM
MOLLY'S GUEST HOUSE
FIRST CLASS
BED AND BREAKFAST
72, BALZAN VALLEY,
BALZAN — MALTA
Telephone: 41296

MUSCAT FLORA
POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN Tel: 42479
Din id-Ditta hija Fergħa tal-GIARDINO ALLEGRA ta' Catania
MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512
Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

MUNDLOS - Vigorelli
L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA
F'DIN ID-DINJA MODERNA
Barra l-pont tas-soltu din il-makna tagħmel ukoll:
• AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
• VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17 mm WIESGĦA
• TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
• IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
• KULL DAQS TA' AĊĊETTI
• TWAĦĦIL TA' BUTTUNI
• ZIG-ZAG + REFKI
• XOGĦOL FUQ IL-LAZZ
Ara dawn il-makni meraviljużi għand:
MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA


IL-KAZIN MARIJA ANNUNZJATA

90 Sena ta' Hajja u Hidma ghall-Gid ta' Hal Balzan

Is-Soċjetà Marija Annunzjata reġgħet infetħet, wara li kienet għaddiet mid-diżgrazzja kbira tan-nar f'Ottubru 1903, nhar l-ewwel tas-sena tal-1904, u proprju hawn is-Soċjetà daħħlet il-kelma 'Marija' fl-isem tagħha, u hekk sal-ġurnata tal-lum is-Soċjetà għadha magħrufa "Circolo Maria Annunziata". L-ewwel president wara d-diżgrazzja kien is-Sur Edwardo Borg, u l-ewwel segretarju kien is-Sur Valentino Callus.

Il-membri tas-Soċjetà bdew ifittxu kemm-il post u bdew jiġru minn post għal ieħor, sakemm fl-aħħar sabu post fiċ-ċentru tar-raħal fejn għadna sal-lum. Wara dan, is-Soċjetà mill-ewwel intefgħet għax-xogħol, u bdiet taħseb biex tagħmel sett statwi ġodda biex jintramaw fil-festa ta' Marija Annunzjata, u bit-tħabrik tal-president tagħha, is-Sur Edwardo Borg, saret l-ewwel statwa tal-Papa Leone XIII, u mbagħad il-profeti li qegħdin jintramaw mill-knisja 'l fuq. Dawn l-istatwi huma xogħol l-istatwarju msemmi Vincenzo Cremona.

Fl-1906, is-Soċjetà ħasbet ukoll għal disinn biex jintrama mal-faċċata tal-knisja, u d-disinn sar minn membru ieħor tas-Soċjetà, l-imgħallem Valent Falzon, u x-xogħol sar minn membru ieħor is-Sur Joseph Gauci. Fis-sena 1915, is-Soċjetà tagħna rregalat standard li jirrappreżenta l-arma ta' Ħal Balzan lis-Soċjetà Filarmonika "La Vallette" tal-għarfien tar-relazzjonijiet tajba li dejjem kienu jeżistu bejn iż-żewġ każini. Is-Soċjetà għandha ċertifikat ta' dan, ċertifikat irregalat mill-Għaqda La Vallette u li aħna ngħożżu b'qima kbira.




L-istatwa tal-Papa Leone XIII, li kienet tintrama fil-Misraħ.

Fl-1917, il-Każin tagħna ġie organizzat u riformat ħafna taħt id-direzzjoni tal-Kumitat, li kellu lis-Sur Carmelo Gambin bħala president, is-Sur Alfredo Camilleri bħala segretarju, u s-Sur Luigi Briffa bħala kaxxier. Saru ħafna alterazzjonijiet fil-post li ninsabu fih illum, hekk li sar wieħed mill-isbaħ każini fl-irħula.

QNIEPEN ĠODDA

Ftit wara li spiċċat l-Ewwel Gwerra Dinjija, fis-sena 1919, il-Każin tagħna ħa parti attiva biex isir sett ta' qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali, minflok il-qodma billi kien hemm xi wħud miksura. Il-poplu Balzani ħass il-bżonn ta' sett qniepen ġodda. Imma min kien se jidħol għal biċċa xogħol iebsa bħal din, meta f'Malta dak iż-żmien kien hawn nuqqas ta' xogħol u wieħed kien ikollu xorti kbira meta kien isib jaqla' l-għajxien tiegħu ħażin ħażin? Iż-żgħażagħ tal-lum ma jistgħux iġibu quddiem għajnejhom iż-żmien li qegħdin insemmu. Irridu niftakru wkoll li l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan ma kenitx kbira fil-għadd; dak iż-żmien il-popolazzjoni tar-raħal ma kenitx tlaħħaq l-elf ruħ.

Biss, il-ħsieb ta' sett qniepen ġodda ma setax iħalli lill-Balzanin fil-paċi. Għalhekk fl-aħħar indaħal għal din il-biċċa xogħol iebsa u diffikultuża l-Każin Marija Annunzjata, li dak iż-żmien kien l-uniku każin f'Ħal Balzan. Inħatar kumitat, li kien iffurmat kif se nsemmu: President — is-Sur Ġużeppi Vassallo (ta' Mudest), Segretarju — in-Nutar Luigi Gauci Forno, Kaxxiera — is-Sur Tomaso Agius Fernandez, is-Sur Luigi Briffa, u s-Sur Salvatore Pisani (tat-Tanti). Il-membri l-oħra kienu: is-sinjuri Salvatore Debono (ta' Peppina), Fredu Camilleri (ta' Dorina), Carmelo Muscat (ta' Vokali), Mikiel Micallef (tal-Fanfra), Carmelo Pisani (ħu l-viċi kaxxier), Ċensu Brincat (ta' Balal), Ġużeppi Sammut (missier il-Kan. Dun Spir Sammut), u Franġisku Sammut (ta' Rożi). It-twaqqif tal-kumitat kien it-twelid tas-sett qniepen ġodda. Il-ġbir beda jsir mid-djar kollha, bħalma niġbru għall-festa llum, u bdew jorganizzaw fieri kemm fil-każin kif ukoll fil-ġonna ta' San Anton u anke fl-Argotti l-Furjana, u fl-istaġun tas-sajf kienu jagħmlu t-tejatrin fil-bitħa tal-każin. Din il-ħidma damet sejra mhux sena jew tnejn, imma kważi sitt snin sħaħ. Is-sett qniepen kien sewa s-somma ta' £1100.




Iċ-ċertifikat irregalat lill-Każin Marija Annunzjata mis-Soċjetà Filarmonika La Vallette.

L-ASSEMBLEJA NAZZJONALI

Fis-sena 1920, billi f'Malta u Għawdex kien hawn l-għajta għall-awtonomija politika, ġie ffurmat Kumitat Nazzjonali taħt il-Promutur Sir Filippo Sciberras. Għalhekk il-każini ta' Malta kollha kienu mitlubin jibagħtu żewġ delegati kull wieħed ħalli titlaqqa' Assembleja Nazzjonali. Id-delegati li rrappreżentaw lir-raħal tagħna kienu n-Nutar Luigi Gauci Forno u s-Sur Luigi Briffa. L-ewwel laqgħa ta' l-Assembleja Nazzjonali saret fil-Villa Depiro f'Ħal Lija, taħt il-Presidenza tal-Wisq Nobbli Professur Sir Luigi Preziosi.

Il-ħidma għall-qniepen kompliet. Fl-1921 saret fiera f'San Anton, u l-membri tagħna ħadmu għadd ta' ġugarelli u għenu mill-aħjar li setgħu. Fl-1922, is-Soċjetà tagħna ħatret lill-Kappillan Dun Amabile Sisner bħala President Onorarju, u fl-istess sena s-Soċjetà

(għal paġna 7)



Iċ ċerimonja tat-tberik tal-qniepen minn Mons. Mawru Caruana, Isqof ta' Malta, nhar id-19 ta' Marzu 1925.

MARBLE STONE INDUSTRY

Sculptor: JOHN SAMMUT

DEALER OF ALTARS, TOMBS, MONUMENTS,

ETC. AT VERY MODERATE PRICES

CALL AT:

190, FLEUR-DE-LYS ROAD,

BIRKIRKARA

OR:

"GLORIOSA", BORG STREET,

FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA.

Telephone: 41072

HOLEX DIABETIC PRODUCTS

FOR SUGAR RESTRICTED DIETS

THE NAME YOU CAN TRUST

HOLEX DIABETIC PRODUCTS

Trade Enquiries.

Mc ALLEF COMPANY LIMITED

87, Archbishop Street, Valletta

Tel. 26762

REAL LEATHER

BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .

BAGS . . . BELTS . . .


Fantastic colours to choose from and made-to-measure (in any size)

ZAMMIT LA ROSA FOOTWEAR LTD.

GOOD SHEPHERD AVENUE, BALZAN

Tel: 41082

(minn paġna 6)



Il-bandalora l-ġdida tas-Soċjeta Marija Annunzjata.

laqgħet lill-Eċċellenza Rev. Mons. Isqof Mawru Caruana flimkien mal-Kappillan, akkumpanjati mill-kleru tal-Parroċċa, u sarilhom trattament mill-Kumitat u l-membri tas-Soċjetà. Fis-17 ta' Ġunju 1923, il-kumitat beda jagħmel it-tejatrin fil-każin b'riżq il-qniepen il-ġodda, u wkoll xi fiera, bħal dik li saret nhar is-26 t'Awwissu ta' l-istess sena.

F'dan iż-żmien ta' insistenza u tħabrik mill-aqwa għall-ġbir tal-flus għax-xiri tal-qniepen, miet il-Kappillan Dun Amabile Sisner f'Ġunju 1923, nhar il-festa ta' San Valentinu. Fid-19 t'Awwissu ta' l-istess sena, ħa l-pusses tal-Parroċċa l-Kappillan Dun Franġisku Saverju Zahra, li aktar tard laħaq Monsinjur u baqa' joqgħod fir-raħal tagħna sa mewtu, li ġrat fit-13 ta' Mejju 1978. Fis-26 t'Awwissu 1923, is-Soċjetà tagħna għamlet trattament lill-Kappillan il-ġdid.

BANDALORA ĠDIDA

Fis-sena 1928, is-Soċjetà tagħna żanżnet bandalora ġdida bl-isem ta' Marija Annunzjata u bl-arma ta' Ħal Balzan irrakkmata bid-deheb u maħduma mis-Sinjorina Rożina Micallef minn Birkirkara, fuq disinn ta' l-imgħallem Ġużeppi Vassallo, fi żmien il-President Carmelo Muscat u s-Segretarju Carmelo Pisani. Fit-13 ta' Ottubru 1929, inżammet seduta tal-kumitat u għaddiet li joħorġu kontribuzzjoni biex isir wieħed mill-Evanġelisti fil-pedestall tal-vara titulari ta' Marija Annunzjata, li kienet qed tiġi restawrata. Dan sar bil-kundizzjoni li taħt ix-xbiha ta' l-Evanġelista ssir skrizzjoni bl-isem tas-Soċjetà.

Fl-1936, is-Soċjetà Marija Annunzjata ġiet onorata bil-preżenza ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter. Huwa kien milqugħ mill-President, is-Sur Carmelo Muscat, li għamillu indirizz ta' merħba. Imbagħad il-Gvernatur irringrazzja lis-Soċjetà tat-trattament li għamlitlu, u bħala tifkira tiegħu ppreżentalha ritratt tiegħu.

(jissokta)

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Ftit ġranet ilu kont fi private' mimlija bit-tfal ġejjin lura mill-ħarġa. Wieħed minnhom, li kien ħdejn in-naħa tat-tieqa, kellu bott tal-plastik mimli bl-ilma u 'l kull 'light-car' li għaddiet qribna jew lil kull min kien għaddej fuq il-bankina beda jxarrbu billi jagħfas il-bott!

Mhux wieħed u tnejn kienu dawk li x'ħin ħassew l-ilma fuqhom u ndunaw biċ-ċajta goffa bdew ikellmuh ħażin u wieħed minnhom qabeż il-'private' tagħna u b'ġirja waħda tela' biex jara min kien dak il-kiesaħ. B'xorti tajba li ġie kkalmat minn min kien responsabbli tagħhom.

Tfal, iċ-ċajt hu ferm sabiħ sakemm ikun meqjus u f'ħinu. Barra minn ħinu u b'mod goff ma jieħu pjaċir bih ħadd. Min hu ċajtier jista' jagħmel ħafna ġid fost ħbiebu u bl-istess mod jista' jagħmel ħafna deni jekk iċ-ċajt tiegħu ma jkunx għaqli u meqjus.

Min jiċċajta jrid iqis minn qabel x'jista' joħroġ minn dik iċ-ċajta. Hekk, ngħidu aħna, ftit ġranet ilu kont f'bitħa mimlija bit-tfal qed jilagħbu. Wieħed minnhom lil sieħbu li kien għaddej jiġri għamillu siequ u tefgħu għal wiċċu! X'ħin mort fuqu staqsejtu għax għamillu hekk, qalli: "Biex niċċajta!"

Tfal, fiċ-ċajt tagħkom tkun qatt goffi u tilagħbu qatt bl-idejn. Il-logħob bl-idejn hu logħob tal-psataż, mhuwiex logħob ta' nies edukati. Il-logħob bl-idejn ġie li ġieb ħafna nkwiet u ġlied, ġie li fired l-ikbar ħbieb, jew tellef il-paċi ta' min kien qed jieħu pjaċir. Fuq kollox, tkunu qatt fitti fiċ-ċajt tagħkom, u l-edukazzjoni titlob li min m'għandux aptit iċ-ċajt m'għandekx tkompli tiċċajta miegħu.

Jekk il-logħob bl-idejn hu dejjem ikreh u perikoluż imma b'mod speċjali fil-baħar. Mhux wieħed u tnejn tilfu ħajjithom u għerqu għax kien hemm min lagħab goff magħhom fil-baħar p.e., majnata fuq oħra jew xi wieħed jaqbeż mill-għoli meta jaf li għad hemm sieħbu taħt l-ilma.

Inqas hu ċajt sabiħ meta wieħed biex jiċċajta jagħti qatgħa lil xi ħadd p.e. wieħed rieqed ixxarrbu, jew tgħajjat xi għajta kbira ħdejn rasu. Jew li ċċempel telefon lil xi ħadd biex tgħidlu li ħuh korra u ħaduh l-isptar. Jonqos fil-kuxjenza min juża ċajt bħal dan u jista' jagħmel ħsara li mhux malajr tirranġaha.


Għalhekk, għeżież tfal, żommu quddiem għajnejkom li dak li hu ċajt għalikom għal ħaddieħor jista' jkun korriment jew mewt, u wkoll li ċajta meqjusa u f'ħinha tferraħ il-qlub ta' ħafna.

Tfal għeżież, nixtequlkom il-festa t-tajba u Marija Annunzjata tberikkom.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għal din il-ħarġa speċjali tal-festa ħsibna li nagħmlulkom it-tisliba li ġieli għamilnielkom. Għalhekk, jekk intom timlew tajjeb il-kliem kollu mill-ewwel kelma sat-tmien kelma, issibu fil-kaxxi mmarkati bl-iswed skur kelma ta' ħaġa li l-banda tagħmel meta tkun fuq il-planċier, fuq iz-zuntier tal-knisja, jew f'xi pjazza fil-jiem tal-festa. Mela ippruvaw imlew il-kliem skond dan li ġej u toħorġu l-kelma li tlabniekom.



1. **Għasfur imdaqqas li jaf jitkellem ħafna.**
2. **Dan jagħtina l-ħin.**
3. **Hawn min iħobb igħid ħafna pa. . . .**
4. **Kultant issib min igħidlek qisek din il-ħuta (tibda bl-s u tispiċċa bl-u).**
5. **X'tagħmel il-bandiera meta jkun ħafna riħ?**
6. **Se jibdew jarmaw għax waslet il-. . . .**
7. **Kelma oħra flok 'midfun'.**
8. **Il-missier tagħhom.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 26 ta' Lulju, 1980.

Xi kliem li stajtu ħriġtu mill-kelmiet li tajniekom għall-kompetizzjoni tal-ħarġa li għaddiet kienu:
minn FESTA — LESTA, PESTA.
minn BILLI — FILLI, MILLI.
minn KOLLA — BOLLA, FOLLA, MOLLA.
minn BASTA — PASTA, LASTA, KASTA, VASTA.
minn ĦALLI — MALLI, FALLI, SALLI, DALLI.
minn BANEK — ĦANEK, MANEK.

Ir-rebbieħ kien Oliver Cardona, ta' 70, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.


JOSEPH BARTOLO
100, VALLEY ROAD, BALZAN
Dealers in: Fresh Flowers and Plants! Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English and Foreign and Private Families.
Orders for: Fresh Flowers, Wedding and Complimentary Fancy Bouquets promptly executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges.
Għal fjuri friski, bukketti ta' tiġijiet u okkażjonijiet oħra, irrikorru għand din id-ditta.
Telephone: 42694

GRECH'S LTD.
154, ST. SEBASTIAN STR., QORMI Tel: 47015
97, NAXXAR ROAD, BALZAN Tel: 41367
A full range of wall and floor ceramic tiles in 40 different designs and styles has just arrived for you to suit your choice. We also specialise in luxurious bathroom suites, English and Continental, in 21 different colours.
GENERAL MATERIAL FOR USE IN THE BUILDING INDUSTRY
Everything is offered to you to build your future bathroom with prices to suit your pockets.
Sole Agents for:
HADRIAN and SYNFLAT Emulsion Paints, CERAMICA VENUS, WESTEN Products, CERAMITAL, SAMCA and KERAMOS Tiles.

INTERVISTA MA' PIJU EBEJER

IGEMMA' T-TAZZI BIR-REKLAMI

Fid-dinja, issib nies b'delizzji differenti. Iżda forsi l-ebda delizzju ma jqajjem daqshekk interess daqs it-tiġmigħ ta' xi ħaġa jew oħra. Issib min iġemma' bolli, kupuni, ritratti, santi, biljetti, u mitt ħaġa oħra. Is-Sur Piju Ebejer huwa wieħed minn dawn id-dilettanti; huwa jġemma' tazzi u bikkerini bir-reklami fuqhom. Biex inkunu nafu aktar dwar dan id-delizzju, lill-ħabib tagħna Piju għamilnielu din l-intervista.



Waħda mill-vetrini bit-tazzi u l-bikkerini tal-kollezzjoni.

1. Piju, kif beda dan id-delizzju tiegħek u min ħajrek tibda din il-kollezzjoni?

Kont naħdem l-Airport għall-ħabta tal-1975, u kull ma kelli kienu daqs nofs tużżana tazzi differenti, u meta bdejt insaqsi 'l dak u 'l ieħor xi wħud bdew igħiduli li sabiex ituni tazza ridt nagħtihom xi erba' lumijiet jew xi frott, billi għandi l-ġnien bis-siġar. Minn hawn u min hemm bdejt inżid u fl-istess ħin bdejt nagħmel kuraġġ.

2. Tista' tgħidilna fiex eżatt tikkonsisti din il-kollezzjoni tiegħek?

Din il-kollezzjoni tikkonsisti fi tliet vetrini kbar li fihom issib tazzi b'reklami tal-birer, minerali, 'juices', spirti, brandy, aperitivi, ajruplani, vapuri, lukandi, bars, kif ukoll ristoranti, kemm lokali kif ukoll barranin.

3. Allura kif jirnexxilek iżżomm l-amment biex ma żżommx tazzi u bikkerini bħal xulxin?

Sabiex inkun naf eżatt x'għandi w x'm'għandix, jiena ħsibt sabiex nistiva t-tazzi ditta, ditta, kollha għalihom, kif ukoll inżomm 'notebook' fejn innizżel kull m'għandi, ngħidu aħna, whisky għalihom, brandy għalihom, u l-bqija.

4. Taf tgħidilna b'xi kollezzjonisti oħra li għandhom l-istess delizzju tiegħek?

Għandek tkun taf li jiena naf bosta kollezzjonisti, sew minn dar-raħal kif ukoll minn diversi nħawi ta' Malta. Għall-'hobby' li għandi jiena nħobb nagħmel wiċċi ma' dak li jkun anke jekk mhux xi kollezjonist, u anke ma' xi ħbieb li jkunu se jsiefru.

5. Għandek kuntatt ma' dawn il-kollezzjonisti?

Sabiex inżomm ruħi aktar infurmat u b'ċans illi nixtri, inpartat u nbigħ, jiena qiegħed membru fil-'Hobbies Society' tal-Ħamrun, fejn hemm bosta kollezzjonisti ta' diversi tipi ta' 'hobbies' u l-għaxqa tagħna nitkellmu fuqhom.

6. Għandek xi kuntatti barra minn Malta?

Il-kuntatti li għandi ma' barra huma ma' diversi turisti li niltaqa' magħhom fil-każini kif ukoll ma' diversi emigranti Maltin li jiġu fostna bħal dażżminijiet. Lil dawn nirringrazzjahom ħafna tal-paċenzja kbira li jieħdu bija.

7. Xi pjanijiet għandek għall-ġejjieni? Beħsiebek tkompli tkabbar il-kollezzjoni?

Fil-preżent jiena għandi mal-1400 tazza kollha differenti u meta nara li kull ma mmur qiegħed dejjem inżid jiena nagħmel aktar kuraġġ għall-ġejjieni u nżid ma' li għandi.

8. Għandek xi ħaġa speċjali x'tgħidilhom lill-qarejja tagħna?

Jiena nixtieq nagħmel emfasi illi mhux l-ewwel darba li mmur għand xi kollezzjonista li jkun għadu kif beda bi ftit u ikollu tazzi li anqas jien ma jkolli bħalhom. Għalhekk jien irrid infisser illi min ikun ser jibda anke 'hobbies' oħra m'għandux jaqta' qalbu anzi jagħmel kuraġġ.

Nixtieq nirringrazzjak minn qiegħ qalbi ta' l-intervista u l-koperazzjoni tiegħek.

JOE BORG M.S.S.P. JIGI ORDNAT DJAKNU

Nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju fil-Knisja tal-Balluta, San Ġiljan se ssir Ordinazzjoni li fiha se jiġu ordnati 5 qassisin u 4 djakni. Fost id-Djakni hemm Bro. Joe Borg mill-parroċċa tagħna li fl-1971 daħal mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Id-Djakonat li ġie mwaqqaf fi żmien l-Appostli biex igħinhom aktar fix-xogħol tagħhom huwa l-aħħar tarġa qabel wieħed isir Saċerdot. Permezz tad-Djakonat, wieħed ikollu d-dmir li jaqra l-Evanġelju, jippritka, iqarben, igħammed, iżewweġ, iqarben il-morda u jmexxi l-laqgħat ta' Talb. Wieħed ukoll jista' jaċċetta li jirċievi dan l-ordni għal ħajtu kollha.

Lil Bro. Joe aħna nifirħulu u nitolbu għalih.

NILTAQGĦU MA' VALENT

Ħafna mill-espressjonijiet Maltin, bħal tad-dinja kollha, juru fi kliem meqjus il-parti l-kbira tal-aspetti tal-ħajja tal-bniedem. Ħafna minnhom faqqsu minn xi ċirkostanza partikolari, oħrajn minn għemil ta' xi persuni u oħrajn min jaf minn fejn ġew!!

Mhux ser noqogħdu naraw l-oriġini tal-espressjonijiet u qwiel tagħna l-Maltin. Tkun ħaġa sewwa li jsir dan, imma mhux dan il-għan tagħna.

'Il quddiem sejrin niltaqgħu mal-familja ta' Valent li permezz tiegħu ser naraw ftit mill-espressjonijiet u qwiel tagħna jieħdu l-ħajja. B'hekk aħna nkunu nistgħu naraw lilna nfusna fihom.

Min huwa Valent? Ħadd ma jista' jurina aħjar ir-realtà tal-ħajja minn Valent. Lil Valent insibuh kullimkien.

Valent ma huwa ħadd partikolari imma fl-istess ħin huwa kulħadd. Kulħadd jara lil Valent. Min jarah fil-mera u oħrajn jarawh fi sħabhom u f'dawk li jiltaqgħu magħhom.

Matul iż-żmien li ġej sejrin naraw lil Valent flimkien ma' martu Lonza f'episodji li jiġru kuljum. L-episodji huma fittizji u xi kultant ftit esaġerati imma lkoll għandhom iħallu xi tagħlima fina. Mela filwaqt li niddevertu nitgħallmu mill-prasspar tal-ħabib tagħna Valent.

ANTIQUE JEWELLERY
BUSUTTIL
GOLD, SILVER ARTICLES, PRECIOUS STONES,
ALPACCA SILVER-PLATE,
CRYSTAL ARTICLES,
SEIKO, ROAMER, CAMY WATCHES
449, Fleur De Lys Road, Birkirkara
Tel: 42246

VISIT THE NEW
MICRO MARKET
AT
IDMEJDA STREET,
BALZAN
Telephone: 43602

BALZAN BUTCHER SHOP
FALZON BROS.
107, MAIN STREET,
BALZAN

ANROL
HOUSEHOLD GOODS
24, NAXXAR ROAD, BIRKIRKARA
Telephone: 40717
HIRE PURCHASE INSTALMENTS ACCEPTED
We deal in:
REFRIGERATORS — INDESIT — ARISTON — ZOPPAS — HOOVER
COOKERS — INDESIT — ARISTON — ZOPPAS
TELEVISIONS — CENTURY — INDESIT
KENWOOD MIXERS —
We sell various types of giftware, kitchen utensils, etc.
1st JULY to 15th AUGUST:
10% TRADE FAIR DISCOUNT — CASH BASIS
5% TRADE FAIR DISCOUNT — H.P.